# Marija, Omm Ġesù, il-Mara l-Ġdida

*Minn Fr Andrew Borġ*



Kemm Mattew, kif ukoll Luqa jsemmu tħabbira minn anġlu. F'Mattew, din saret lill Ġużeppi (Mt l:20-21), filwaqt li f'Luqa, l-Arkanġlu Gabriel jintbagħat għand Marija (Lq-1:26 – 28). Minkejja dawn id-differenzi, iż-żewġ rakkonti huma stqarrija ta' fidi fit-tnissil ta' Ġesù min Omm Verġni (Mt 1:34 – 35) min-nisel tas-Sultan David (Mt l:1 – 7; Lq 1:32) u xhieda li seħħew il-profeziji messjaniċi, bit-twelid Tiegħu ġewwa Betlehem (Mt 2:4 – 6; Lq 2:4 – 8).

Marija kienet u baqgħet Verġni (Lq 1:35; Mt 1:18). Xi wħud isostnu li ladarba fl-Evanġelji ta' Mark (Mk 6:3) u ta' Mattew (Mt 13:55 - 56), hemm referenza għall-aħwa ta' Ġesù:fil-Bibbja, il-kelma "aħwa" tintuża għall-qraba wkoll. Hekk fil-Ġenesi, Lot jissejjaħ "ħu" Abraham, minkejja li kien it-tifel ta' ħuh (Ġen 14:14), filwaqt li Labon juża l-kelma "ħija" għal Ġakobb, it-tifel ta' oħtu (Ġen 29:15). Fl-Evanġelji, imbagħad, huwa Ġesù biss li jissejjaħ bin Marija (Mt 13:55; Mk 6:3) filwaqt li fuq is-salib, Ġesù jafda 'l-Ommu lil Ġwanni, ħaġa li żgur ma kienx jagħmel kieku kellu ħutu oħra (Ġw 9:26 – 27).

Marija hija Omm Alla – Theotokos. Hekk qalilha Gabrieli (Lq 1:32) u hekk laqgħetha Eliżabetta (Lq 1:43). Marija hija Omm Ġesù, persuna waħda, u żewġ naturi:Divina u Umana. Dan huwa ddikjarat fil-konċilju ta' Efesu 431 A.D. u Kalċedonja 451 A.D.

Marija taqdi lil Alla billi tosserva l-liġi tal-purifikazzjoni (Lq 2:21, 41). L-ewwel wild huwa offerta lil Alla bħal Sansun, Iżakk, Ġwanni l-Battista, u tagħmel l-offerta ta' ringrazzjament (Lq 2:22 – 24), par gamiem jew beċċun u dan jikkonferma l-istat soċjali fqir ta' Ġużeppi u Marija, għax is-sinjuri kienu joffru ħaruf, għalkemm bibblikament u teoloġikament skont San Ġwann (Kap 2) Kristu hu "l-ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja", għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li joffru ħaruf Marija u Ġużeppi, għax il-ħaruf kien Ġesù nnifsu li ħa post is-sagrifiċċju tal-patt il-qadim. Marija taqdi lil Alla bl-ubbidjenza għar-rieda Tiegħu (Lq 1:38) u bl-umilta' (Lq 1:48) u bil-qadi ta' dawk li jeħtieġu l-għajnuna tagħha (Lq 1:56). Marija u Ġużeppi jrabbu lil Ġesù f'familja (Lq 2:39 – 40, 51 – 52), hu jaqsam l-esperjenzi, kemm ta' ferħ kif ukoll ta' niket, li kull familja tgħaddi minnhom (Mt 2:13, 22 – 23).

Is-sinottiċi (Mark, Mattew, Luqa) jagħtuna stampa ta' mara li tħalli lil binha jokkupa l-post ewlieni fil-ħajja pubblika tiegħu (Mk 3:31 – 35; Mt 12:46 – 50; Lq 8:19 – 21). Marija hija l-qaddejja tal-Mulej u d-dixxiplu tal-Mulej.

Ġwanni jqiegħed lil Marija fil-bidu u tmiem tal-ħajja pubblika ta' Ġesù. Fuq il-Kalvarju u f'Kana tinterċedi f'isem l-għarajjes Lhud, imma s-sinjal jagħmlu Ġesù (Ġw 2:3). Il-grazzja, l-ħelsien, is-salvazzjoni, il-maħfra, jiġu **biss** minn Alla permezz ta' Ġesù, **l-uniku** medjatur ta' Alla u l-bniedem. It-talb tagħna għandu jkun indirizzat lill-Missier, permezz ta' Ġesù bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Marija għandha sehem mill-istorja tas-salvazzjoni, imma ma tieħux post Ġesù. L-uniku Salvatur u Medjatur ta' Alla u l-bniedem.

Kull xeni ta' paganiżmu u idolatrija quddiem l-istatwi fil-festi huma kontra l-Bibbja kif nitolbu u naqraw fis-Salm:

*L-idoli tal-bniedem huma deheb u fidda*
*għandhom l-l-għajnejn u ma jarawx,*
*għandhom il-widnejn u ma jisimgħux*
*għandhom il-fomm u ma jitkellmux,*
*anqas nifs m'għandhom f'imnifsejhom*
*bħalhom huma dawk li jagħmluhom u dawk li jittamaw fihom.*

Il-Konċilju ta' Nicea 780-781, jgħallem li post l-istatwi huwa ritratt, xbieha tar-Realta', jgħinu u jerfgħu s-sensi tagħna lejn il-misteru, ir-realta', imma l-aqwa u l-ewwel talb huwa fil-qalb niedma u sogħbiena (Salm 51) u bil-qari, studju u riflessjonijiet bil-Bibbja. Dan huwa l-akbar uġiegħ ta' xi kattoliċi li ma jafux l-iskrittura, imma striħajna fuq dak li huwa sekondarju fil-fidi għalkemm huma tajbin id-devozzjonijiet popolari. Dan mhux ħtija tagħna imma responsabbilta' ta' dawk fil-knisja fil-passat żammew il-Bibbja l-bogħod mill-poplu t'Alla, biex la jiftaħha, la jmissha u lanqas jaqraha, anzi l-poplu kien ikun imgerrex jagħmel dan fl-antik! B'hekk din l-injoranza Biblika li nħossu fi zmienna, sejħa għar-ritorn lejn il-komunitajiet zgħar ta' fidi, tal-Atti tal-Appostli, sigurta' fl-ispirtu, u l-qawwa tal-kelma, fis-solidarjeta' tal-aħwa fil-komunita' / komunitajiet tal-fidi, li f'dan insibu *fulfillment* u sigurta', il-bogħod mis-sigurtajiet foloz li rabbejna fil-passati tal-alleanzi politiċi, jew fidi li straħet fuq il-kultura soċjali u folklor, oqsma li llum saru sekularizzati mingħajr "Spirtu u Ħajja"

VIVA ĠESÙ, VIVA MARIJA


Café Tivoli

CAFETERIA, PIZZERIA
RESTAURANT & TAKE AWAY

181, High Street, Hamrun
Tel: 21 248978